**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 30 ta' Mejju 2017**

**Talba Nru: 48/16 CZ**

**Alfred Vassallo**

**vs.**

**Carlos Scerri**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba ta' l-attur imressqa fit-12 ta' Frar 2016 fejn talab lit-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ammont ta' seba' mija u tlieta w ghoxrin Euro u hamsa w sittin centezmu (€723.65), dovuti ghal dawn ir-ragunijiet:

Illi l-attur Alfred Vassallo kien halla lill-konvenut Carlos Scerri jaghmel xoghol ta' hajjat f'post tieghu li kien ghadu kemm irranga minghajr il-htiega ili dan ihallas kera pero' bil-patt u l-kundizzjoni illi dan ihallas tad-dawl u l-ilma.

Il-konvenut naqas illi jhallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma imma eventwalment hallashom. Il-konvenut pero' kkawza hsarat fil-post in kwistjoni u kien obbliga ruhu li jsewwihom izda meta dana ma sarx, l-attur talab lill-konvenut biex johrog mill-fond.

Illi ll-konvenut Scerri telaq mill-fond minghajr ma ghamel it-tiswijiet li kien wieghed li se jaghmel u meta l-attur ha l-post f'idejh sab li kien hemm diversi oggetti ohra bil-hsara u oggetti ohra neqsin u li ma nstabux fil-post u dana kif ser jigi ppruvat f'dawn il-proceduri.

Illi l-konvenut ghalkemm interpellat sabiex jaghmel tajjeb ghal dawn il-hsarat u oggetti nieqsau biex hallas l-ammont ta' seba' mija u tlieta u ghoxrin Euro u hamsa  w sittin centezmu (€723.65) huwa baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-procedura quddiem dana t-Tribunal.

Ghaldaqstant l-attur jitlob illi in vista tas-suespost:

1. Dana t-Tribunal jiddeciedi billi jiddikjara l-konvenut responsabbli ghal hsarat kagunati u ghall-hlas ta' l-oggetti li nstabu nieqsa mill-fond ta' l-attur;
2. Tikkundanna lill-konvenut Carlos Scerri ihallas is-somma ta' seba' mija u tlieta u ghoxrin Euro u hamsa  w sittin centezmu (€723.65)jew ammont verjuri li jigi likwidat minn dana t-Tribunal.

3. Bl-ispejjz, inkluz dawk ta' l-ittra interpellatorja datata 9 ta' Settembru 2014, li kopja taghha tinsab hawn annessa bhala Dok. AV 2 u bl-interessi mid-data meta l-ammont pretiz kien dovut sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt ghas-subizzjoni.

Illi permezz ta' risposta prezentata fis-7 ta' Marzu 2016, il-konvenut wiegeb:

1. Preliminarjament li l-attur ghandu l-ewwel u qabel kollox jipprova li ghandu l-interess guridiku rikjest mil-ligi sabiex jipproponi l-kawza odjerna u sabiex jissokta bl-istess kawza;
2. Minghajr pregudizzju ghall-permess, l-attur ghandu jipprova l-jedd li a bazi tieghu qieghed jippretendi li l-konvenut ghandu jhallas tal-hsarat minnu citati u ghandu jipprova wkoll il-valur ta' dawk il-hsarat u li l-konvenut huwa responsabbli ghalihom;
3. Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jipprova l-jedd li a bazi tieghu qieghed jippretendi li l-konvenut ghandu jhallas tal-oggetti minnu cirtati u ghandu jipprova wkoll il-valur ta' dawk l-oggetti u li l-konvenut huwa responsabbli ghalihom;
4. Minghajr pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, u dan kif jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur minn issa ingunt in subizzjoni u b'riseva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-eccipjent odjern.

It-Tribunal;

Ra l-atti;

Sema' t-trattazzjoni bil-fomm ta' l-abbli avukati difensuri tal-partijiet;

Ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

**Ikkunsidra:**

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob hlas ghal oggetti neqsin jew bil-hsara fil-fond ta' l-attur, u dan wara li kien halla lill-konvenut jahdem fl-istess post biex jaghmel xoghol ta' hjata.

Illi l-konvenut fil-qosor irrisponda illi l-attur jehtieg li juri li ghandu interess guridiku sabiex jaghmel din il-kawza, u li ghandu jipprova l-jedd li a bazi tieghu qed jitlob il-hlas lill-konvenut.

Illi t-Tribunal ra l-affidavit ta' l-attur u ta' Rita Muscat, li kkonfermaw illi qabel ma l-konvenut dahal fil-fond in kwestjoni, kien hemm ghadd ta' affarijiet li tkissru waqt li l-konvenut kien qieghed jokkupa l-fond, jew ghebu ghal kollox. Filwaqt li l-attur ghamel elenku shih kemm ta' l-oggetti bil-hsara kif ukoll ta' l-oggetti nieqsa, Rita Muscat xehdet kif hi kienet hi stess li gieli kienet fil-post, qabel ma beda jokkupah il-konvenut, u allura kienet taf x'kontenut kellu. Xehdet ukoll dwar il-komportament tal-konvenut waqt li kien qed jokkupah, u dan peress li gieli marru ghandu ghat-te'.

Illi l-attur rega' xehed u prezenta stima ghall-purtieri. Xehed ukoll in kontro-ezami u qal li hu ma hassx il-htiega li jaghmel inventarju tal-fond meta ghaddieh lill-konvenut. Mistoqsi ghalfejn kien hemm diskrepanza bejn l-ittra inteprellatorja u l-ammont sussegwentement mitlub fil-kawza odjerna, qal illi meta dahal l-ewwel darba fil-post

haseb li kien hemm ammont partikolari ta' hsara, izda mbaghad irrizultalu li kien hemm iktar affarijie neqsin jew imkissrin.

Illi t-Tribunal ra wkoll l-affidavit ta' Josephine Casabene, li xehdet dwar l-istat tal-fond in kwestjoni. Xehed ukoll Stephen Muscat, li wkoll ta deskrizzoni ta' l-istat tal-fond, bhal m'ghamlet ukoll Patricia Azzopardi. Din ta' l-ahhar qalet ukoll illi meta kienu ha jitilqu mill-fond, l-attur ma qal jew ilmenta xejn dwar oggetti miksura jew nieqsa. Xehdet ukoll Simone Xuereb li wkoll xehdet dwar l-istat zdingat li kien fih il-fond in kwestjoni. Mistoqija in kontro-ezami sabiex tghid kif kien il-fond in kwestjoni f'Novembru 2013 qalet li ma setghetx tghid.

Illi t-Tribunal sema' wkoll ix-xiehda tal-konvenut li xehed dwar l-istat zdingat li fih kien il-fond, u li ma kien ha xejn mill-propjeta' meta telaq. Hu qal li lanqas ma huwa minnu li huwa kisser xi haga fil-fond in kwestjoni. Qal ukoll illi fil-punt li hu dahal fil-fond, purtieri ma kienx hemm.

Illi in kontro-ezami, Patricia Azzopardi qalet li l-hgiega li kien hemm fuq il-bejt jista' jkun li nkisret meta kien hemm il-konvenut. Il-konvenut in kontro-ezami min-naha l-ohra jghid li din il-hgiega mkissra kienet hekk qabel ma dahal fil-post. In kontro-ezami il-konvenut qal ukoll illi kien hemm xi oggetti li ghalih kienu imbarazz.

Illi t-Tribunal jidhirlu li din il-kawza prattikament tistrieh maggorment fuq il-kredibilita' tal-partijiet u tax-xiehda taghhom, u fuq l-apprezzament li dan it-Tribunal irid jaghmel tad-depozizzjonijiet taghhom. Dwar il-provi li ghandu jressaq l-attur dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet: *Joseph Tonna vs Philip Azzopardi* deciza nhar it-tnax (12) t'April, 2007 mill-Onorevoli Imhallef Dr. Philip Sciberras fejn inghad illi:

In materja ta' provi, ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu.  Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit probatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (*reus in excipiendo fit actor*) – Ara Vol. XLVI/i/5.

b) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta' – Ara Vol. XXXVII/i/577;

c) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet.  Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni – Ara b'ezempju *Ramchand Kilumal noe vs Jessie Blanco* – App. 30 ta' Gunju, 1912 (Vol. XXIV/i/104)";

Illi biex dan it-Tribunal jghaddi ghall-ezami specifiku tal-provi f'dan il-kaz, ghandu jinghad illi kwantu ghall-provi dwar dak li kien hemm nieqes jew miksur, l-attur kien preciz u korroborat solidament mix-xhud Rita Muscat.  Il-konvenut min-naha l-ohra, ma ta l-ebda indikazzjoni ta' x'gara mill-oggetti allegatament nieqsa.  Ix-xiehda li ressaq lanqas ma xehtu dawl in sostenn tad-difiza avvanzat mill-konvenut, u ftit li xejn ghenu biex jistabbilixxu li ma kienx il-konvenut li kien responsabbli ghat-tehid u tkissir ta' l-oggetti de quo.  Lanqas ma jistghu jissejjhu xiehda affidabbli ghaliex dawn ma kinux jafu meta l-konvenut dahal fil-fond.  Dan apparti n-numru ta' kontradizzjonijiet li spikkaw bejn ix-xiehda tal-konvenut infushom.  Ix-xhud Patricia Azzopardi qalet per ezempju li l-hgiega li nstabet miksura seta' kien li nkisret waqt li l-konvenut kien qed jokkupa l-post, filwaqt li l-konvenut qal li din il-hgiega sabha miksura meta dahal fil-fond.

Illi l-konvenut fuq kollox ma skolpa ruhu bl-ebda mod mill-allegazzjoni li ha jew iddispona minn xi oggetti li kellu l-attur, partikolarment oggetti li kienu jappartjenu lil omm l-attur.  Fil-kontro-ezami tieghu jghid biss li kien hemm xi oggett li qieshom bhala 'imbarazz', izda ma qalx x'ghamel bihom, u ma setax jispejga ghaliex dawn ghebu, kif kien qed jallega l-attur.  Li mhuwiex kontestat min-naha l-ohra huwa li l-konvenut ghamel uzu shih minn ammont ta' oggetti li sab fil-fond ta' l-attur; fosthom xorob minn fliexken ta' l-alkohol li kellu l-attur, u sahansitra dawwar xi teapots tac-ceramika fi qsari.  Dan kien fatt li l-konvenut ma cahadx, u juri l-kunfidenza li biha uzufruwixxa minn dak li kien hemm fil-post de quo.

Illi in kwantu ghall-lanjanza tal-konvenut illi ma kienx sar elenku ta' l-oggetti li kienu jinsabu fil-fond meta dahal fih, it-Tribunal ikollu jghid li din ma tiggjova bl-ebda mod lill-konvenut.  Ma jistax jinghad illi ghax ma jkunx hemm inventarju, huwa eskluz illi l-konvenut ha jew kisser xi oggetti milli diga' kien hemm.  F'dan ir-rigward, it-Tribunal qies ukoll ic-cirkostanzi ta' hbiberija li fihom il-konvenut thalla juza dan il-fond, senz'interessi, hlief ghall-hlas tad-dawl u l-ilma.  It-tip ta' relazzjoni li instawraw bejniethom il-partijiet ma kinitx tali li kienet tesigi, f'cirkostanzi simili, it-thejjija ta' inventarju – anke ghaliex din ma kinitx kirja vera u propja maghmula ghal skop ta' kummerc, izda iktar mezz sabiex l-attur joffri lill-konvenut post ahjar sabiex ikollu minn fejn jahdem.

Illi ghalhekk it-Tribunal jikkunsidra ghalhekk li hija iktar kredibbli l-verzjoni moghtija mill-attur milli dik tal-konvenut.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u jilqa' t-talbiet ta' l-attur, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' seba' mija u tlieta w ghoxrin Euro u hamsa w sittin centezmu (€723.65), bl-imghax mid-data tal-prezentata tal-kawza odjerna sad-data tal-hlas effettiv. L-ispejjez kif mitluba jithallsu kollha mill-konvenut.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur